MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 938/2009

**Sebastian u Mary konjugi Abela**

**Vs**

**Nikolina Ismeria Vella u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2010 gie msejjah fil-kawza Jeffrey Abela.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-29 ta' Settembru 2009 l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenuta l-hlas ta' tlieta u ghoxrin elf mija u sitt ewro u disgha u sittin centezmu (23,106.69) li jghidu li hu s-sehem taghha minn somma akbar dovuta skond skritturi datati 20 ta' Mejju 1998, 3 ta' Settembru 2002 u 18 ta' Settembru 2001.

Permezz ta’:

i. Skrittura tal-20 ta’ Mejju 1998, l-atturi sellfu lill-konvenuti s-somma ta’ Lm3,245 b’rata ta’ imghax ta’ 5% fis-sena (fol. 5).
ii. Kuntratt pubbliku tat-18 ta’ Settembru 2001, l-atturi sellfu lill-konvenuti s-somma ta’ Lm8,000 li kellhom jithallsu lura fuq semplici talba u bl-oghla rata ta’ imghax. Fil-kuntratt jinghad li d-debituri huma obbligati in solidum (fol. 6).
iii. Skrittura tat-3 ta’ Settembru 2002, l-atturi sellfu lill-konvenuti s-somma ta’ Lm5,000 li kellhom jithallsu bir-rata ta’ Lm300 fix-xahar minghajr imghax.

Il-konvenuta ssostni li l-ebda hlas mhu dovut in kwantu:-

i. Il-jedd tal-azzjoni tal-atturi hu preskritt bl-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kodici Civili.
ii. Il-gudizzju m’huwiex integru ghaliex Jeffrey Abela ghandu jkun parti fil-kawza. Eccezzjoni li giet ezawrita meta ssejjah fil-kawza bid-digriet tat-28 ta’ Jannar 2010 (fol. 61).
iii. Id-dejn thallas.

Jeffrey Abela wiegeb li l-konvenuta hi debtrici tal-atturi, u l-ammont mitlub jirraprezenta nofs il-bilanc dovut fuq is-self li hu u l-konvenuta hadu solidalment bejniethom minghand l-atturi (fol. 64).

Jirrizulta li Nikolina u Jeffrey Abela zzewwgu fl-20 ta’ Settembru 2001. Is-self inghata meta kienu ghadhom gharajjes. Bejn il-konjugi Abela nqalghu problemi matrimonjali u nfirdu b’kuntratt tas-6 ta’ Awissu 2009 pubblikat min-nutar Sandra Bugeja (fol. 44). Permezz ta’ skrittura ffirmata fl-10 ta’ Jannar 2011 l-atturi rrinunzjaw ghall-kreditu fil-konfront ta’ binhom (fol. 143).

**<u>Eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**.

Ghal dak li jikkoncerna s-somma ta’ Lm8,000 peress li l-kreditu jirrizulta minn att pubbliku, l-Artikolu 2156(d) u (e)

ma japplikawx. Inoltre Nikolina u Jeffrey Abela assumew solidalment l-obbligu ta' hlas. Jeffrey Abela jammetti li minn dik is-somma ma kienu hallsu xejn. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili, *"l-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum,……, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom."*. Ovvjament l-accettazzjoni tad-dejn minn Jeffrey Abela ma jfissirx li martu hi debitrici tal-atturi gialadarba ghad irid jigi stabbilit jekk sarx il-hlas.

Fir-rigward tad-dejn oggett taz-zewg skritturi privati, il-qorti tosserva li:-

i. Il-konvenuti m'humiex responsabbli *in solidum* in kwantu s-solidarjeta' trid tkun espressa fejn mhux dikjarata mil-ligi (Artikolu 1089 tal-Kodici Civili). F'dan il-kaz m'hemmx prova li s-solidarjeta' kienet miftehma espressament. Lanqas ma jirrizulta li hi dikjarata mil-ligi ghat-tip ta' ftehim li sar bejn il-kontendenti. Ghalhekk l-Artikolu 1100 ma japplikax.
ii. Hu evidenti li mid-dokumenti li pprezentaw l-atturi (ara Dok. MA1 u MA2 a fol. 99-102), irrispettivament meta saru, imputaw il-hlasijiet ghall-kapital. Fil-fatt il-pagamenti li huma registrati tnaqqsu dejjem mill-kapital. Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili hu fih innifsu konferma li 'l fatt li kreditur ikun qieghed jircievi pagamenti li jirreferu ghall-kapital, kull meta jsir pagament li jigi mputat ghall-kapital ma tkunx qeghda tinkiser il-preskrizzjoni fir-rigward tal-imghax.
iii. In vista ta' dak li nghad hawn fuq il-jedd ta' azzjoni ghall-imghaxijiet ghall-perjodu:-

(a) **20 ta' Mejju 1998 sas-27 ta' Lulju 2004**[1] fir-rigward tal-iskrittura tal-20 ta' Mejju 1998, hu preskritt (Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili).
(b) **3 ta' Ottubru 2002 sas-27 ta' Lulju 2004** fir-rigward tal-iskrittura tal-20 tat-3 ta' Settembru 2002, hu preskritt (Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili). Ghalkemm fl-iskrittura

[1] Peress li fit-28 ta' Lulju 2009 gie pprezentat u akkordat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenuta (fol. 133). Dan wassal biex inkisret il-preskrizzjoni ghall-perjodu bejn it-28 ta' Lulju 2004 u 28 ta' Lulju 2009.

jinghad li bla imghax, il-kreditur xorta ghandu jedd ghall-imghax jekk il-pagament ma jsir fid-data pattwita. F'dan il-kaz il-ftehim kien jikkontempla li kellu jsir pagament ta' Lm300 fix-xahar. Meta l-pagament tax-xahar ma jsirx, allura jkun dovut l-imghax bhala danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni (Artikolu 1139 tal-Kodici Civili).

iv. Fir-rigward tal-kapital, il-konvenuta qalet li l-pagamenti kienu baqghu jsiru sal-2008. Dan iwassal lill-qorti biex tikkonkludi li ghalhekk kienet qeghda tinkiser il-preskrizzjoni.

**<u>Meritu</u>**.

Min-naha wahda l-atturi u binhom isostnu li ghad hemm id-dejn. Min-naha l-ohra l-konvenuta u l-familjari taghha jghidu li d-dejn thallas kollu.

Jibda biex jinghad li l-qorti ma tatix importanza ghal fatt li l-konvenuta tallega li s-somma ta' Lm8,000 ma kienx self izda valur ta' xoghol li l-attur ghamel fid-dar taghhom. Hi x'inhi l-verita', flimkien ma' zewgha Jeffrey Abela kienet iffirmat kuntratt pubbliku fejn irrikonoxxiet li hi debitrici tal-atturi f'dik is-somma. F'kull kaz il-konvenuta ma tat l-ebda hjiel ta' x'seta kienet ir-raguni li fil-kuntratt issemma self jekk kif qalet hi l-flus kienu dovuti ghax-xoghol li ghamel l-attur fid-dar matrimonjali. Il-qorti ma tarax wisq kredibbli dak li qalet il-konvenuta in kontro-ezami: *"Dak il-hin biex iffirmajt ovvjament ma ndunajtx jien ghax kieku ma kont bela ha niffirmah jiena."* (fol. 29). Fil-fatt ikkonfermat li n-nutar kien qara l-kuntratt u ghalhekk kienet taf li l-kuntratt isemmi self u mhux hlas ghal xogholijiet li saru fid-dar.

Rilevanti wkoll li mill-kontro-ezami tal-konvenuta jidher li meta ssostni li sar il-hlas tad-dejn li kellhom mal-atturi, kienet qeghda tirreferi ghal dak li jirrizulta mill-iskritturi tal-20 ta' Mejju 1998 u 3 ta' Settembru 2002 u mhux mill-kuntratt pubbliku. Tant hu hekk li qalet li s-somma ta' Lm8,000 *"ma kinux djun"* (fol. 199). Twegiba li tat ghad-domanda: *"Jigifieri int fhimt li d-dejn ta' Lm8,000, id-dejn ta' Lm5,000 u d-dejn ta' Lm3,245 dawn inqatghu kollha ?"*. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li l-attrici kienet qeghda ssostni

li l-hlas ma kienx dovut mhux ghaliex sar il-hlas izda ghaliex l-obbligazzjoni ma kenitx tezisti.

B'riferenza ghax-xhieda li ressqet il-konvenuta sabiex jikkoraboraw il-verzjoni li tat, dawn kienu:

i. Ommha Emanuela Vella, li qalet li Jeffrey Vella kien qalilhom li l-post kien imhallas u li *"….. issa naghmel spinta fid-dar, ha naqla' l-madum kollu u nizba' d-dar u kont zammejthom id-dar disa' xhur."* (fol. 145).
ii. Missierha Joseph Vella, li xehed li *"Darba kienu d-dar u qal li se jibdlu l-kamra tas-sodda. Ghidtlu qabel thallsu d-djun li ghandhom fuq id-dar u hekk taghmlu xejn ghax kif intom moqdijin. Qalli d-dejn tad-dar kollox lest. Kollox hallasna."* (fol. 146).
iii. Ohtha Dorianne Mula qalet *"Jiena li nista' nghid li kull meta Jeffrey kien jigi d-dar ghand il-mummy kien dejjem jghid li d-dejn hallsu. Infatti meta twieled Jacob ftit qabel kien qal lil mummy biex joqghodu meta jitwieled Jacob ghand il-mummy ghax peress li d-dejn imhallas ried jirranga d-dar, ried jibdel il-madum t'isfel ghax hariglu l-moffa, ordna l-kamra tas-sodda u wara li ordnaw il-kamra tas-sodda ordnaw il-kcina."* (fol. 158-159).

Mid-dokumenti li pprezenta l-imsejjah fil-kawza jirrizulta li l-kcina kienet giet ordnata fis-16 ta' Frar 2004, u l-ahhar pagament lill-bank fuq is-self tad-dar sar fid-29 ta' Jannar 2004 (Lm519.63) u nghalaq il-kont. Is-self ta' Lm5,000 kien inghata mill-atturi fit-3 ta' Settembru 2002. Il-qorti tqies li kieku sa dak iz-zmien kien thallas id-dejn kollu, ma jaghmilx sens li Jeffrey Vella baqa' jaghmel pagamenti lill-genituri tieghu. Fil-fatt mir-records li pprezenta l-imsejjah fil-kawza jirrizulta li baqghu jsiru pagamenti. Sahanstira l-konvenuta stess fid-dikjarazzjoni guramentata (fol. 13) qalet: *"Fl-2008, id-dejn inqata kollu u l-hlas waqaf"*. Ghalkemm il-qorti ma temminix li d-dejn mal-atturi thallas kollu, fi kliem il-konvenuta stess pagamenti baqghu jsiru wara l-2004. Verzjoni li ma tikkoraborax dak li qalu l-familjari tal-konvenuta li meta ordnaw il-kamra tas-sodda Jeffrey Abela qalilhom li d-dejn kien thallas kollu.

Min-naha l-ohra l-qorti ma taccettax il-verzjoni ntjiera li taw l-atturi dwar il-hlasiijet li qalu li rcevew. Fil-fatt fid-dokument li pprezenta Jeffrey Abela fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011 (Dok. XX1), jissemmew il-pagamenti li ghamel lill-genituri b'notament ***"Pagamenti lill-missieri"***. F'dan il-kuntest il-qorti temmen lill-konvenuta li qalet li zewgha kien izomm registru tal-pagamenti. Pero' dan baqa' qatt ma gie pprezentat. Min-naha taghhom l-atturi pprezentaw kopja ta' dak li rriferew ghalihom bhala *"fotokopji ta' zewg pitazzi li fuqhom kien qed jinqata l-ammont dovut minn Jeffrey Abela u Nikola Ismeria Abela lil Sebastian u Mary Abela, u li riferenza ghalihom saret minn Mary Abela bix-xhieda taghha fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010"* (fol. 98). Il-qorti m'ghandix dubju li t-taghrif li ta Jeffrey Abela dwar pagamenti li ta lill-genituri bejn is-sena 2001 u 2007, hadhom minn records li zamm id-dar. Fil-fatt jidher li kien izomm ukoll rendikonti li kienu jiriceivu dwar is-self li kienu hadu minghand il-bank, kif ukoll kontijiet u ricevuti ta' hlas ta' kontijiet. Wiehed jista' jipprova jargumenta li dak li ddikjara Jeffrey Abela m'huwiex prova li l-atturi rcevew l-ammont dikjarat minn binhom. Pero' min-naha l-ohra mill-bidu tal-proceduri Jeffrey Abela gibed il-habel tal-genituri u fit-twegiba guramentata qal li l-ammont mitlub mill-atturi *"… huwa dovut kif spjegat fir-rikors guramentat"*. Sal-ahhar baqa' jsostni din il-posizzjoni u jiddefendi l-interessi tal-genituri, minkejja li fir-realta' wara l-ftehim iffirmat fl-10 ta' Jannar 2011 (fol. 143) ma kienx ghad fadallu interess personali. Evidentement pero, mir-records li ghandu rrizulta li saru iktar pagamenti minn dak li ddikjaraw l-atturi. Il-qorti ma tarax li Jeffrey Abela seta' kellu xi motiv li 'jonfoh' ic-cifra tal-hlas li ta lill-genituri.

Skond Jeffrey Abela l-pagamenti li saru kienu s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Sena 2001 | Lm50 |
| Sena 2003 | Lm2,850[2] |
| Sena 2004 | Lm1,450 |
| Sena 2005 | Lm977 |

[2] Fid-dokumenti li pprezentaw l-atturi ma jissemmix li sar hlas matul is-sena 2003.

| | |
|---|---|
| Sena 2006 | Lm500 |
| Sena 2007 | Lm350 |
| | |
| Total | **Lm6,177**. |

Dan ifisser li fir-rigward taz-zewg skritturi l-bilanc tal-kapital li ghadu dovut hu ta' Lm1,755, li minnu s-sehem tal-konvenuta hu ta' Lm877 (2042 ewro).

Il-konvenuta ghamlet ukoll hafna enfazi fuq dak li sehh waqt it-trattattivi li kellha ma' zewgha u li wasslu ghall-firda personali. Fl-abbozzi tal-kuntratt ta' separazzjoni jinghad:-

*"Il-partijiet qeghdin jiddikjaraw illi jekk jirrizulta xi dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti favur il-familjari ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet, tali dejn jithallas mill-parti illi tkun hekk relatata mal-kredituri."* (fol. 15-43).

Pero' fil-verzjoni awtorizzata mill-Qorti tal-Familja fis-26 ta' Mejju 2009, din il-klawzola thassret u giet sostitwita b'dan:-

*"Il-partijiet qeghdin jiddikjaraw illi f'kaz li jirrizulta illi xi wahda mill-partijiet ghandha xi dejn gravanti lill-familjari ta' xi wiehed mill-partijiet, tali dejn ikun ir-responsabbilta' unika tal-parti illi holqot tali dejn."* (fol. 231).

Mid-deposizzjoni li ta l-avukat Dr Joseph Chetcuti, li kien qieghed jassisti lill-konvenuta fil-proceduri ta' separazzjoni, hu car li din il-klawzola ma tpoggietx minn wara dahar il-konvenuta. Ix-xhud spjega li waqt id-diskussjonijiet kien intqal li m'hemmx dejn u ghalhekk thassret il-klawzola numru 11. Ghall-qorti hu evidenti li:-

i. 'Il fatt li l-konvenuta accettat li tithassar il-klawzola 11 originali u tigi sostitwita b'ohra, hi fiha nnifisha konferma li riedet taghlaq il-kwistjoni minghajr ma thalli iktar zmien ighaddi. Jekk id-dejn mal-atturi kien thallas, x'kienet ir-raguni li giet inserita klawzola gdida li jitratta dejn ma' familjari tal-konjugi, gialadarba mill-provi ma jirrizultax li qatt kien hemm xi dejn iehor ma' familjari tal-

konjugi ? Ir-realta' tibqa' li hadd ma gieghel lill-konvenuta tiffirma u dak li ghamlet ghamlitu bil-volonta' taghha.

ii. L-imsejjah fil-kawza kien jaf li l-genituri tieghu kien ghad ghandhom pretensjonijiet. Il-qorti m'ghandix dubju li kien infurmat b'kollox, iktar u iktar meta tqies li mas-separazzjoni mar ighix maghhom. Inoltre l-qorti m'ghandix dubju li qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni kien infurmat li l-genituri kienu pprezentaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Wara kollox il-genituri tieghu nqdew bis-servizz tal-istess avukat li kienet qeghda tassisti lilu. Il-qorti hi wkoll konvinta li Jeffrey Abela qal li d-dejn thallas sabiex ma jisfrattax in-negozjati. Hu wkoll verosimili li l-atturi baqghu mistohbijin fl-isfond minhabba l-istess raguni. Konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha meqjus li mill-atti jirrizulta li:-

(a) Il-proceduri ta' separazzjoni kienu nbdew b'ittra prezentata minn Jeffrey Abela fit-18 ta' Marzu 2009 (fol. 214). Ma jirrizultax li matul dan il-perjodu l-atturi nterpellaw lill-konvenuta dwar il-pretensjoni li kellhom fil-konfront taghha.
(b) L-atturi pprezentaw il-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuta fit-28 ta' Lulju 2009, cjoe' wara li gew konkluzi n-negozjati u l-qorti awtorizzat il-pubblikazzjoni tal-att relattiv. Mandat li gie ffirmat mill-istess avukat li kienet qeghda tassisti lil Jeffrey Abela fin-negozjati li saru mal-konvenuta u li wasslu ghall-firda personali.
(c) Il-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fis-6 ta' Awissu 2009;

Il-konvenuta ssostni li minn wara daharha l-atturi u binhom immanuvraw sabiex tiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni u ma tithallasx is-somma flus li zewgha obbliga ruhu li jhallasha ghal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Issostni wkoll li l-indirizz li ddikjaraw l-atturi fejn kellha tigi notifikata bil-mandat[3], intenzjonalment inghata hazin biex ma tkunx taf li gie pprezentat mandat. Fil-fatt jirrizulta li kien biss fid-19 ta' Awissu 2009 li nghata l-

[3] 3, Old Church Street, Siggiewi. L-indirizz kellu jkun 31, Old Church Street, Siggiewi.

indirizz korrett fejn kellha tigi notifikata u giet notifikata bil-mandat fl-20 ta' Awissu 2009. Il-qorti ma teskludix li t-tezi tal-attrici ghandha mis-sewwa, iktar u iktar meta tqies li x-xhud Dr Joseph Chetcuti baqa' jinsisti li Jeffrey Abela kien qalilhom li d-dejn kien imhallas. Il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita minn dak li qal ix-xhud. Pero' irrispettivament ta' x'intqal waqt in-negozjati bejn il-konjugi Abela, jibqa' 'l fatt li l-qorti hi moralment konvinta li:-

i. Ma thallas xejn mid-dejn tal-kuntratt pubbliku tat-18 ta' Settembru 2001 (fol. 6), u dan meta tqies il-mod kif wiegbet il-konvenuta waqt il-kontroezami. Il-konvenuta taf li dak id-dejn ma thallasx ghalkemm in kontro-ezami xehedet li kellu jithallas biss jekk id-dar tinbiegh lill-barranin. Verzjoni li ma tatx fid-dikjarazzjoni guramentata mat-twegiba fejn qalet li kienu hallsu l-ammont.

ii. B'riferenza ghall-iskritturi ta' self kien ghad fadal bilanc ta' Lm1,755 x'jithallas lill-atturi, li minnhom il-konvenuta hi responsabbli li thallas nofshom.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Filwaqt li tiddikjara li b'riferenza ghat-talbiet tal-atturi m'hemmx dikjarazzjoni x'taghmel fil-konfront tal-imsejjah fil-kawza meqjus li l-atturi m'humiex jippretendu xi hlas minghandu.**
**2. Tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni limitatament fir-rigward tal-imghax b'riferenza ghall-perjodi li jissemmew hawn fuq (Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili). Tichad l-eccezzjoni fir-rigward tal-kumplament. Spejjez relatati ma' din l-eccezzjoni jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuta u l-atturi.**

**3. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta li d-dejn thallas kollu, b'dan li qeghda tilqa' t-talba tal-atturi limitatament ghall-hlas tas-somma ta' -**

**(a) disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-mandat ta' sekwestru[4].**
**(b) Elfejn u erbgha u erbghin ewro (€2,044) bl-imghax mit-3 ta' Frar 2004, cjoe sa liema data suppost thallset is-somma kollha mislufa bl-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2002 (fol. 7);**

**ammonti li l-konvenuta qeghda tigi kkundannata thallas lill-atturi.**

**Spejjez, salv ghal dak li nghad hawn fuq, jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta. L-imsejjah fil-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu meqjus li hu wkoll kien debitur izda fil-mori l-atturi hafrulu d-dejn u kien qieghed isostni li l-ammont kollu reklamat kien dovut mill-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Billi fil-kuntratt jinghad li l-pagament isir meta jintalab, il-qorti qeghda tqies li t-talba saret meta gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru. Mill-provi li tressqu l-qorti m'hijiex sodisfatta li saret xi talba qabel dakinhar.